# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 96/18TA**

**Censina Robinson**
**(Passaport tar-Renju Unit nru. 516609019)**

**vs**

**Josef Zerafa (ID 347086M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Frar 2018 u maħluf fl-istess jum mill-Attriċi Censina Robinson li permezz tiegħu talbet is-segwenti:-

"1. Illi fit-2 ta' Mejju 2014, filwaqt illi l-esponenti kienet wieqfa fil-ġenb tat-triq faċċata 'UNO Village' *sive* 'Numero Uno' ġewwa Ta' Qali ġiet imtajjra mill-vettura tal-għamla Volkwagen Polo bin-numru tar-reġistrazzjoni 'EBH-443' illi kienet qegħda tinsaq mill-konvenut;

2. Illi b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident l-esponenti sofriet ġrieħi ta' natura gravi fil-persuna tagħha tant illi sofriet debilita' permanenti, kif ser jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi b'konsegwenza ta' dak kollu premess, l-esponenti sofriet danni inġenti konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*, hekk kif ser jiġi provat wqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut tant illi kien saq taħt l-effett tax-xorb, kif ġja ġie provat fil-kamp kriminali, kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Lulju 2017 konċernanti l-istess inċident awtomobilistiku qegħda tiġi hawn annessa (Dok. 'CR 1');

5. Illi għalhekk il-konvenut huwa responsabbli għad-danni subiti mill-esponenti kif premess;

6. Illi l-konvenut, minkejja li ġie ripetutament interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas tad-danni subiti mill-esponenti kif premess, inkluż permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 30 ta' Diċembru 2015 u 25 ta' Ottubru 2017 baqa' inadempjenti u ma ħallasx;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li ingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fit-2 ta' Mejju 2014, faċċata 'UNO Village' *sive* 'Numero Uno' ġewwa Ta' Qali, b'konsegwenza ta' liema l-esponenti sofriet ġrieħi fil-persuna tagħha ta' natura gravi, kif ukoll debilita' permanenti, riżultanti f'danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*, kif premess, seħħ unikament minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u li għalhekk l-istess konvenut huwa responsabbli għar-riżarċiment tal-istess danni a favur tal-esponenti;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-esponenti b'riżultat ta' l-inċident *de quo*;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti d-danni likwidati ai termini tat-talba preċedenti;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri rispettivi 4290/2015 u 4006/2017, u bl-imgħax legali fil-konfront tal-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fis-26 ta' Frar 2018 u maħlufa fl-istess jum mill-konvenut Josef Zerafa li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attriċi għandhom kollha jiġu miċħuda, u dan stante illi l-intimat ma kellu **<u>assolutament u ċertament ebda tort u responsabbilita'</u>** għall-inċident li seħħ ġewwa Ta' Qali, nhar it-tnejn (2) ta' Mejju ta-sena elfejn u erbatax (2014) u dan peress Ili mhux minnu illi rikorrenti sfat imtajjra minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Josef Zerafa;

2. Illi la darba l-intimat **<u>ma jaħti assolutament xejn, u mhux responsabbli</u>** għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ma hemmx lok illi jiġu likwidati kwalunkwe danni a favur tal-attriċi;

3. **<u>Illi għalhekk isegwi illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kollha, bl-ispejjeż kontra tagħha</u>**;

4. Illi *in ogni caso*, u strettament migħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi trid dejjem iġġib prova tad-danni sofferti minnha u li dawn id-danni soffriethom unikament tort tal-intimat;

5. Illi fi-fatt, u dan kif se jirriżulta aħjar waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-istanti, l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ġara tort unikament tal-istess attriċi;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Marzu 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Permezz ta' din il-Kawża l-Attrici qegħdha tfittex għad-danni li sofriet fuq il-persuna tagħha meta fit-2 ta' Mejju 2014, ġiet imtajjra mill-vettura Volkswagen Polo bin-numru tar-reġistrazzjoni EBH-443 li kienet qed tinstaq mill-Konvenut.

**2.** L-Attriċi hija mwielda u residenti l-Ingilterra iżda għandha xi relazzjonijiet ta' parentela f'Malta (ara ċertifikat tat-twelid a' fol 98 faċċata 2 u xhieda Nichola Grech a' fol 84). Dak in-nhar ta' l-inċident hija kellha 19-il sena u kienet qiegħda Malta għal raġunijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-affidavit tagħha (a' fol 41).

**3.** Il-fatti nkontestati li joħorġu mill-atti juru li l-inċident seħħ ftit wara li skorrew nofs il-lejl, f'Ta' Qali quddiem stand tal-*hot dog*, faċċata tal-istabbiliment tad-divertiment bl-isem *Numero Uno* (ara affidavit attriċi a' fol 41 par 3, kopja tax-xhieda tal-attriċi fil-proċeduri kriminali kontra l-Konvenut a' fol 200 u 202 u affidavit attur para 3 a' fol 301).

**4.** Dak inhar tal-inċident, it-triq ma kellhiex bankina u kienet imdawwla bid-dawl tal-gabbani biss. Kien hemm ukoll konfużjoni kbira ta' nies ħerġin mill-istabbiliment Numero Uno, karozzi għaddejjin kif ukoll storbju ta' mużika ġejja mill-istabbiliment imsemmi (xhieda Lee Gray a' fol 204, 297, xhieda Luke Mallia a' fol 215 u 308 u affidavit Josef Zerafa a' fol 301 para 3).

**5.** L-inċident seħħ meta l-Attriċi ntlaqtet mill-ġenb minn naħa tax-xellug ma' quddiem tal-mudguard tal-vettura misjuqa mir-rikorrenti, wkoll min-naħa tax-xellug, jiġifieri n-naħa tal-passiġġier, madwar żewġ passi l-bogħod mill-istand tal-*hotdogs* (ara rapport rapport tal-pulizija a' fol 79, affidavit Konvenut a' fol 301 para 3, rapport mediku ta' Mr. Thomas Azzopardi taħt l-intestatura bl-isem '*history of accident*' a' fol 18; ara ukoll xhieda ta' Lee Gray a' fol 296: "*She was a couple of steps away from the stand, one or two steps because there was no definition between the road and the pavement*.").

**6.** Wara l-inċident il-konvenut pparkja fil-ġenb, filwaqt li ċertu Ricky Joseph Micallef, ħabib tal-Attriċi, qalgħalu ċ-ċwievet tal-karozza min ġol-*ignition* għax ħasbu li ser jibqa' sejjer (ara verżjoni tas-sur Micallef stess fir-rapport tal-Pulizija a' fol 77 u affidavit attur a' fol 301 para 4). Il-Konvenut qagħad hemm sakemm ġew il-Pulizija. Billi l-Pulizija xammewlu ħalqu riħa t'alkoħol, bagħtuh jagħmel it-test tan-nifs (breathylizer test). Il-Konvenut għall-ewwel irrifjuta, iżda wara aċċetta li jagħmlu. Mit-test irriżulta li l-konvenut kien pożittiv 61µg/100ml (ara rapport tal-Pulizija a' fol 79 u riċevuta *breatylizer test* a' fol 90).

**7.** L-Attriċi ttieħdet l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza u ġiet reġistrata fid-dipartiment tal-Emerġenza fis-siegħa neqsin għaxra ta' filgħodu (ara xhieda Dr. Michael Spiteri a' fol 182). Kif ġiet f'sensiha u sabet ruħha l-emerġenza, l-Attriċi ma ridietx tibqa' hemmhekk u telqet lejn id-dar qabel ma ġiet

imsejħa sabiex tiġi eżaminata. Madanakollu billi kienet muġugħa, reġgħet irritornat lura l-Isptar u rreġistrat l-emerġenza fil-ħdax nieqes disa' minuti ta' fil-għodu (10:51 am), jiġifieri madwar għaxar siegħat wara (ara xhieda Dr. Michael Spiteri a' fol 182, rapport Pulizija a' fol 79, xhieda Lee Gray a' fol 297).

**8.** L-Attriċi ġiet sussegwentement eżaminata mit-tabib Michael Spiteri li ħass li kellhom jittieħdu x-rays tal-qasba tas-sieq tax-xelluq , CT Scan tal-wiċċ u kif ukoll ta' rasha. Minn dawn it-testijiet irriżulta li, filwaqt li l-Attriċi ma ġarrbet l-ebda ħsara f'rasha, hija soffriet ksur tal-*maxillary sinus* tan-naħa tax-xelluq u ksur fis-*shaft* tat-tibia, jiġifieri tal-qasba ta' sieqa, tax-xellug. Għaldaqstant iċċertifika li l-Attriċi kienet qed issofri minn ġrieħi gravi minħabba ksur (ara xhieda ta' Dr. Michael Spiteri a' fol 181; ara wkoll file mediku tal-attriċi a' fol 114 u 115).

**9.** L-Attriċi ġiet ammessa l-Isptar u l-għada għamlet operazzjoni f'saqajha fejn it-tobba "*daħħlu musmar, pin tal-ħadid, biex jirfed l-għadma minn ġewwa u jżomm l-għadma dritta, din hija l-għadma tal-qasba tas-sieq, it-tibia. Wara operazzjoni* [l-attriċi] *kkomplenjat b'aktar uġieh u suspettajna kumplikazzjoni tal-ksur ngħidula compartment syndrome kellu jsir intervent ieħor ngħidulu fasciotomy, emergency fasciotomy of the left leg fl-erbgħa (4) ta' Mejju. Dana biex nippreżervaw iċ-ċirkulazzjoni tas-sieq u nevitaw l-effetti ta' din il-kumplikazzjoni. Jumejn wara n-nefħa niżlet u għamilnielha closure of fasciotomy wounds. Kompliet bl-irkupru tagħha, ntbgħatet id-dar*

*fit-tmiena (8) ta' Mejju u kommplejna narawha l-outpatients*" (ara xhieda Mr. Thomas Azzopardi a' fol 205; ara wkoll l-case-summary report tal-attriċi maħruġ mill-Isptar a' fol 23). Il-musmar ġie sussegwentement imneħħi permezz ta' intervent li l-Attriċi għamlet f'pajjiżha, jiġifieri l-Ingilterra, fl-4 ta' Marzu 2019 (ara Dok JF a' fol 223 u xhieda attriċi a' fol 254).

**10.** Fuq dan l-inċident il-Pulizija ressqet proċeduri kriminali fil-konfront tal-Konvenut. Fil-proċeduri penali l-Konvenut kien akkużat (1) li saq il-vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont, (2) li nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Censina Magdalena Robinson, hawn attriċi, (3) li saq l-vettura numru EBH 443 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u (4) li saq il-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkunsma tant alkoħol li l-porzjon tiegħu fin-nifs kien iżjed mil-limitu preskritt (61µg/100ml). B' sentenza datata 7 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ikkunsidrat li "*għall-ewwel akkuża peress li ħadd ma ra d-dinamika tal-inċident ma jistax jingħad b'ċertezza jekk l-imputat kienx qed isuq b'manjiera traskurata, perikoluża jew bla kont*". Minkejja dan, il-Qorti xorta waħda għaddiet biex issibu ħati ta' din l-akkuża, kif ukoll tat-tieni u t-tielet akkuża u kkundannatu għal multa ta' €2,500 u sospenjoni ta' 8 xhur filwaqt li lliberatu mir-raba' akkuża "*stante li t-tielet (3) akkuża hija alternattiva għar-raba' (4) akkuża*" (ara sentenza a' fol 8).

**Punti ta' Liġi**

**11.** Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-Konvenunut, għad-danni li l-Attriċi tallega li sofriet u qed issofri konsegwenza tal-ħsara li hija ġarrbet fuq il-persuna tagħha f'dan l-inċident.

**12.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti min culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni:

*"L-**Art 1031 tal-Kap 16** jistabilixxi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.*

*Il-ligi generali taghna ma taghtix tifsira ta` culpa izda bhala effett tal-**Art 1032(1) tal-Kap 16** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias.*

**13.** F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjal lokali tgħallem li *"min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).*

**14.** L-istess Sentenzi ikomplu jispjegaw li *"l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara -* ***Kollez. Vol. XLII. I. 74****). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz; "prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara ukoll* ***Kollez. Vol. XLVIII. I. 258****).* Fis-sentenza riportata *fil-****Kollez. Vol. XXIV. I. 172****,* inghad li hemm l-*culpa: "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

**15.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li*:-*

*"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata flimgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta`*

*prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**16.** Fl-aħħar nett is**-Sentenza li tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et"** kien eluċidat is-segwenti:-

*" … jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi.*

*Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom."*

**Konsiderazzjonijiet**

**17.** Bħal ma jidher li ġara fil-proċeduri kriminali kontra l-konvenut, f'din il-Kawża ħadd mix-xhieda okulari prodotti mill-Attriċi (Lee Gray) u mill-Konvenut (Luke Mallia) ma ra l-inċident iseħħ. Ma huwiex possibli għalhekk li d-dinamika tal-inċident tkun stabbilta bi preċiżjoni. Madanakollu l-provi indizzjarji kif joħorġu mill-atti jagħtu ħjiel ċar ta' x'kien li kkaġuna l-inċident.

**18.** Jibda biex jingħad li dak in-nhar tal-inċident il-partijiet t-tnejn kienu, xi ftit jew wisq, taħt l-effett tax-xorb. Fil-każ tal-konvenut jirriżulta mit-test tan-nifs. Fil-każ tal-Attriċi dan mid-diversi dikjarazzjonijiet li għamlet hi stess lill-istaff mediku tal-isptar kif jirrisulta mill-fajl mediku tagħha li jinsab esebit fl-atti u dan kif ser jingħad aktar 'l isfel.

**19.** Fl-isfond ta' din l-imġieba tal-partijiet, il-Qorti trid tikkunsidra min kien il-kawża prossima tal-ħsara sofferta mill-Attriċi skont il-prinċipju stabbilit fl-artikolu 1031 tal-Kap. 16. Fi kliem ieħor, il-Qorti trid tiskopri u tiddetermina min irid jerfa' r-responsabbiltá għal dak li ġarrbet l-Attriċi, u anke jekk kienx hemm xi kontributorjetá min-naħa tal-parti l-oħra ai termini tal-artikolu 1051 tal-Kap. 16. Dan għaliex, kif ġie ritenut, "*m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda*

*ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza.*" (**Alan Busuttil et v. Raymond Farrugia**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 2011**).

**20.** Il-Qorti tagħraf li l-aġir tal-Konvenut li jsuq taħt l-effett tal-alkoħol hija deċiżament kundannabbli u ta' dan fil-fatt ingħata l-piena appożita bis-sentenza msemmija sa fejn jirrigwarda l-kamp penali. Il-Qorti iżda tagħraf ukoll, li ai fini ta' sejbien tal-ħsara kaġunata ai fini ta' proċeduri ċivili, irid wkoll ikun stabbilit jekk il-kwantitá ta' alkoħol fis-sistema tal-Konvenut kienx sostanzjali biżżejjed biex seta' ittappannlu l-luċiditá sħiħa tiegħu waqt is-sewqan. Fil-każ in eżami jidher b'mod ġenerali li l-Konvenut kien konxju ta' x'kien qed jiġri madwaru, tant li baqa' jiftakar x'ġara minnu kemm qabel l-inċident u kif ukoll waqt l-inċident innifsu u anke l-konsegwenzi ta' wara (ara affidavit a' fol 301).

**21.** Iżda dan ma jfissirx li b'daqshekk ma għandux iwieġeb, jekk mhux għal kollox, talinqas parzjalment, tenut, kont ukoll taċ-ċirkostanzi ambjentali partikolari ta' fejn seħħ l-inċident. Dan qed jingħad għaliex kif joħroġ mill-provi, l-akkwata hija diżorganizzata għall-aħħar. La hemm bankini, la hemm dwal pubbliku, kiosks tal-ikel fit-toroq u traffiku ta' nies ħerġin u deħlin minn post tad-divertiment. Għalhekk l-attenzjoni tal-konvenut kellha tkun ogħla minn meta jkun hemm ċirkostanzi normali.

**22.** Ma hemm ebda dubbju li ħafna ma joħorġux f'sensihom minn dawn il-postijiet ta' divertiment daqs kemm meta jkunu ikunu daħlu fih. Fi ftit

kliem, speċi ta' babilonja, bil-perikli li loġikament iġib miegħu dan l-ambjent, kemm għas-sewwieqa u kif ukoll għall-pedestrians. Hu mistenni, li kemm sewwieqa u anke passanti jkunu ħafna aktar kawti ta' kif isuqu u jaqsmu t-triq minn toroq oħra li jkunu aktar organizzati. Tajjeb jew ħażin, il-konvenut kellu livell ta' alkohol ogħla minn dak li tippermetti l-liġi. Dan l-aħħar fatt, żgur ma għenux fil-konċentrazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jingħad li kellu kontroll assolut tiegħu nnifsu f'ambjent ta' din ix-xorta.

**23.** Il-Konvenut ftakar li waqt li kien qed isuq biex imur id-dar qabel l-inċident, kien ħa jilwi għal ġot-triq li kienet se tieħdu fid-direzzjoni ta' Ħ'Attard iżda, billi ra t-triq imblokkata bit-traffiku, ddeċieda li jieħu d-direzzjoni opposta li fiha t-traffiku kien iktar mexxej. Il-Konvenut baqa' jiftakar li qabel sema l-ħoss ta' l-impatt tal-attriċi mal-mudguard tan-naħa tal-passiġġier tal-vettura tiegħu, sema "'*lil xi ħadd b'vuċi soda jgħid "Aremm!" liema kelma sal-lum ma*[j]*afx lil min kienet indirizzata.*" Il-Konvenut baqa' jiftakar ukoll dettalji fattwali oħra sussegwenti għall-inċident bħal, fost oħrajn, li ra "*grupp ta' nies jinġabru lejn in-naħa ta' fejn smajt il-ħoss fuq in-naħa tal-passiġġier tal-karozza tiegħi u grupp ta' nies ieħor idur mal-karozza tiegħi filwaqt li jsabbtu fuqha u jgaraw il-hotdogs*"; li "*xi ħadd ukoll qala n-number plate ta' wara tal-karozza tiegħi*, *fejn imbagħad instab fit-triq*" u li "*haduli ċ-ċavetta tal-karozza li kienet għadha ġol ignition*" liema fatt ġie ammess mill-persuna stess li għamlet dan, jiġifieri Ricky Joseph Micallef (ara rapport a' fol 77). Il-Konvenut kien wkoll kapaċi jagħti l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Pulizija fir-rapport

tagħha ma niżżlet xi notament li jindika li l-Konvenut kien xorob tant li kellu ħalqu bir-riħa.

**24.** Il-konvenut jgħid li f'ebda ħin ma ra lill-Attriċi anke jekk qabel ma laqatha sema' lil xi ħadd jgħajjat "Aremm". Il-presenza tal-alkohol fis-sistema tiegħu żgur ma għenitu xejn biex jagħmel manuvri b'mod li seta' jiskarta l-inċident. L-istat li kien fih u l-akkwata li kien għaddej minnha, huma cocktail klassiku għall-ħolqien tal-perikolu. Kif ser jingħad aktar 'l isfel, f'sitwazzjoni bħal din is-sewwieq għandu piż doppju ta' responsabbilita'. Li jżomm kont sħiħ u tajjeb tal-akkwata u li jkollu kontroll tajjeb tal-vettura. Din il-Qorti iżżid tgħid li f'dawn ix-xorta ta' sitwazzjonijiet, pjuttost barra minn normal, l-obbligu tas-sewwieq ta' "proper look out" huwa aċċentwat. Altru ssuq fi triq normali, f'ħinijiet normali tal-ġurnata u altru issuq f'ambjent fejn it-traffiku tan-nies ma jintgħarafx minn dak tal-vetturi. Hekk jidher li kien il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, tant li l-konvenut fl-affidavit tiegħu jeddeskrivi l-konfużjoni ta' nies li kien hemm u karozzi maqbudin fit-traffiku (fol 301 para 2).

**25.** Min-naħa l-oħra s-sokor tal-Attriċi kien tali li ma kienitx f'qagħda li tiftakar x'kien qed jiġri minnha qabel ma seħħ l-inċident. Kif stqarret hija stess mal-infermiera fil-ħdax ta' filgħodu tat-2 ta' Mejju 2014, "*Allegedly yesterday was hit by car* <u>*when pt* [patient] *was drunk*</u>. <u>*Pt claims not remembering event* ***prior*** *she was hit*</u>." (ara fajl mediku a' fol 103 u 113). Dan stqarrietu tlett darbiet oħra matul dik il-ġurnata kif ġej:

1) Fis-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar: "...*The pt does not remember the incident. She only remembers waking up at A&E. Pt drank heavily last night and today woke up with a frontal headache.*" (ara fajl mediku a' fol 121);

2) Fil-ħamsa u kwart ta' filgħaxija: "*Patient allegedly drank alcohol and the last thing she recalls was talking to people outside near vending stalls and then woke up at A&E*" (ara fajl mediku a' fol 107);

3) Fis-seba' neqes kwart ta' filgħaxija: "*Yesterday evening, the patient allegedly was at a club, she claims she was drunk and that the last thing she remembers is that she was out in the road and then found herself in hospital.*" (ara fajl mediku a' fol 108).

**26.** Li fil-fatt l-Attriċi xorbot jikkonfermah ix-xhud tagħha stess Lee Gray. Din tal-aħħar tixhed li " *We spent most of the time dancing* ***and drinking***" (emfażi tal-Qorti ara fol 297). F'mument minnhom anke jissemma' flixkun whisky fuq il-mejda fejn kienu. Kwantu l-istat li kienet fih l-Attriċi anke wara l-inċident, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li meta ttieħdet l-isptar l-anqas kellha sabar tistenna biex tkun invistata. Hi tgħid li telqet mill-isptar għaliex kienet konfuża. Kif diġa' aċċennat, kif waslet l-isptar l-infermiera nnotaw li "*patient was drunk*".

**27.** Il-Qorti temmen li l-istat ta' sokor li kienet fih, ma ħallihiex tapprezza li kellha bżonn l-għajnuna. Kien 'l għada, meta kif stqarret qamet b'ras

maqsuma, li l-Attriċi ħasset l-uġiegħ u l-kura li kellha tingħata xi għaxar siegħat qabel, ingħatatilha għaxar siegħat wara. Li titlaq mill-isptar f'dik is-sitwazzjoni u li meta jsejħulek it-tobba ma tkunx hemm, ukoll huwa fih innifsu att ta' irresponsabbilita'.

**28.** F'dan ir-rigward ix-xhud Lee Gray tkompli tgħid li hi kienet ftit passi l-bogħod mill-attriċi meta seħħ l-inċident: "***Defence:*** *So when the accident happened how far or close were you to your friend Censina?* ***Witness:*** *Maybe a few feet, like from me to you, to talk to to other people* (ara a' fol 204). Joħroġ ukoll mix-xhieda ta' din il-persuna li kienet konstantament qed issegwi b'għajnejha lill-Attriċi. Ikkunsidrat, li l-Attriċi kienet għadha fis-sakra meta waslet l-isptar aħseb u ara fil-ħin inkwistjoni. Għalhekk din il-Qorti ma teskludiex li l-aġir ta' Lee Gray li żżomm taħt għajnejha lill-Attriċi kien possibilment għaliex kienet taf li l-attriċi kienet fi stat ta' sokor. Din ix-xhud tkompli tispjega li "*I kept looking back to see where she was*" (ara a' fol 296).

**29.** Lee Gray tkompli tgħid li rat lill-Attriċi tiekol il-hotdog: "*I remember turning around and seeing Censina eat a hotdog at the stand*" (a' fol 296). Isegwi għalhekk li qabel ma ntlaqtet bil-vettura tal-Konvenut, l-Attriċi ma kienetx qed qed tistenna fil-queue imma kienet diġa' xtrat l-ikel tant li kienet gia bdiet tieklu. Dan jikkontrasta sewwa mal-affidavit tal-Attriċi meta tghid li "...I was waiting to get a hotdog....I was first in line.....the queue was

behind me" (a' fol 200 u 201). Lee Gray tkompli titfa' dawl fuq kif ġie kkawżat l-inċident, billi anke jikkorrabora l-verżjoni tal-Konvenut. Din ix-xhud tispeċifika li qabel ma seħħ l-inċident, "***Censina was trying to come through***" (a' fol 203).

**30.** Tali dikjarazzjoni hija konferma li l-inċident fil-fatt in parte seħħ tort tal-Attriċi meta kienet qiegħda taqsam it-triq u kif ukoll meta ma kienitx f'kontroll assolut taghha innifisha. Li kieku ma kienx hekk, il-Konvenut ma kienx jolqot lill-Attriċi biss iżda kien jolqot ukoll l-istand tal-hotdogs. Kieku l-Attriċi tassew intlaqtet meta kienet għadha ser tixtri u meta kienet l-ewwel fil-kju b'oħrajn warajha it-traġedja kienet tkun akbar. Di fatti, anke il-Maġistrat fil-proċeduri kriminali waqt ix-xhieda ta' Lee Gray osservat b'ċertu inkredulita': "*But I cannot understand how Censina was next to the truck, whatever it was, I don't know what it was, the hotdog stand, and if she was hit by a car and if she was in such a proximity to this van, how did this potential car* [not] *go into the van as well?*" (ara fol 203). Tajjeb ukoll li jingħad, li ma jidhirx li dik il-Qorti kellha għad-disposizzjoni tagħha n-notamenti li ħadu l-infermiera fuq imsemmija dwar l-istat li kienet fih tal-Attriċi, għaliex possibilment kienet tasal għall-istess konklużjonijiet li qed tasal għalihom din il-Qorti f'din is-Sentenza.

**31.** Il-Qorti hija aktar qrib il-fatti kif seħħew il-versjoni tal-Konvenut li irrilaxxja *a tempo vergine* lill-Pulizija (ara a' fol 74 u fl-affidavit a' fol 301 para 3). B'dana ma jfissirx li qiegħed ikun għal kollox esonerat minn kull

responsabbilta' għall-inċident u dan kif diġa' spjegat. F'sitwazzjoni bħal din ta' korriment ta' *pedestrian* meta jkun qed jaqsam it-triq, ġie ritenut li "*meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun (P.A. PS 27.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet Mary Żarb et vs Mauro Overend). Dan jingħad il-għaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta' dak in-nuqqas (P.A.GV 12.7.2002 fil-kawża fl-ismijiet Saviour Sammut et vs Robert Demanuele); <u>Illi huwa llum stabbilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu</u> (P.A.GCD 17.6.2004 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana) <u>jew tkun ġabet</u>*

*<u>ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna</u> (P.A.GV 28.5.2003 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo);* (**Joseph Falzon pro et noe vs Emanuel Schembri et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ġunju 2020**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

**32.** Sabiex il-Qorti tistabbilixxi r-responsabbilitá fid-dawl ta' dan l-insenjament, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deċiża fil-15 ta' Jannar 1997, li ".... *f' materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. <u>F' materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti.</u>*" (sottolinear ta' din il-Qorti)

**33.** Għalhekk, fid-determinazzjoni ta' din ir-responsabbilitá skont il-prinċipji suesposti, il-Qorti trid tqis kif u jekk il-partijiet ma ħarsux dawn ir-regolamenti li huma miġbura fil-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ossia Highway Code.

**34.** F'dawn ir-rigward il-Konvenut deċiżament kiser l-obbligu mpost fuqu bir-regolament 135 ta' dan il-Kodiċi billi kien qed isuq b'livell ta' alkoħol fin-nifs ogħla minn 35µg/100ml. Kien kważi d-doppju. B'dana kollu, din il-Qorti ma tistax tiskarta dak kif diġa kkunsidrat aktar 'l fuq. Għalkemm jista' jkun li meta l-konvenut sarlu t-test tan-nifs il-livell ta' xorb li kellu fih kien ogħla minn dak li titlob il-liġi, dan waħdu ma jfissirx li bil-fors kien fi stat ta' sokor u għalhekk għandu jinstab **unikament** responsabbli tal-inċident meta jkun hemm ċirkostanzi oħra li juru mod ieħor. Is-sejbien ta' livell ogħla minn dak li tippermetti liġi, ma jfissirx li fil-kamp ċivili toħloq responsabbilita' stretta li ma tistax tingħeleb bi provi kuntrarji. Għalkemm il-pedestrian ma għandux jitqies bħala intruż minn naħa l-oħra "*M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun.*" (**App. Ċiv. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15**)"

**35.** Il-Qorti qegħdha ukoll tqies in-natura tal-ġrieħi subiti mill-attriċi. Tabilħaqq meta jitqies l-load sostanzjali tal-vettura pparagunata mal-load tal-attriċi, joħroġ apparenti li l-ġrieħi subiti minnha ma humiex tali li jindikaw veloċita eċċessiva (ara xhieda ta' Mr. Thomas Azzopardi a' fol 67). Kif diġa' aċċennat, il-Qorti temmen il-Konvenut jaħti ukoll, iżda fi grad anqas minn dak tal-Attriċi. Il-Qorti temmen li ma seta' qatt ikun f'posizzjoni li jħares l-'obbligu doppju' tiegħu skont kif insenjat fis-sentenza su iċċitata **Joseph Falzon pro et noe vs Emanuel Schembri et**.

**36.** L-inosservanza mill-Konvenut tar-regolament 135 tal-Kodiċi msemmi jitqies hija l-kawża mmedjata tal-korriment tal-attriċi dan anke jekk

l-Attriċi tat ukoll okkażjoni għall-inċident. F'dan ir-rigward ġie fil-fatt ikkunsidrat fis-sentenza **Il-Pulizija (Spt D. Zammit vs Robert Brincat**, **Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Novembru 2007**).

"*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti (Kollez. Vol. XXXVII, iv. p.1217)" "ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal- habta." u "Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni." (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef" (Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta Dicembru, 1960). "**Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjoni**." (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. V. Pavia" (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744)).*" (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti). F'dan il-każ din il-Qorti temmen li dan il-prinċipju huwa applikabbli iżda mhux biex jeżonera lill-konvenut għal kollox mir-responsabbilita' għas-sinistru stradali mertu tal-Kawża.

**37.** L-aktar li tat okkażjoni għall-inċident kienet l-Attriċi innifisha. Skont ir-regolamenti 22 tal-Kodiċi tat-Triq, l-Attriċi kellha ssib post bla periklu minn fejn taqsam. Dan il-post kellu jkun wieħed minn fejn setgħet tara sew in-naħat kollha u fejn is-sewwieqa jkunu jistgħu jarawha sew. Skont ir-regolament 23, qabel taqsam l-Attriċi mbagħad kellha, ladarba ma kienx hemm bankina, żżomm lura mit-tarf tat-triq iżda tkun żgura li tista' tara t-

traffiku li kien ġej u li seta' jara lilha. Fit-termini tar-regolamenti 24 u 25, hija kellha tħares sewwa madwarha u tisma' sewwa għat-traffiku u jekk tkun ġejja xi vettura tħalliha tgħaddi b'mod li ma taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u tkun żgura li hemm ħafna ħin disponibbli għaliha biex taqsam. Hija imbagħad kellha, skont ir-regolament 26, taqsam dritt it-triq meta ma jkunx hemm periklu. Kif irriżulta jidher li t-triq kienet konġestjonata bit-traffiku u tenut kont tal-istat li kienet fih żgur li ma kienitx f'kundizzjoni li tisma' jew tara b'dik l-attenzjoni li titlob il-liġi minn fejn sewwa sewwa ġej it-traffiku.

**38.** M'hemm xejn fl-atti tal-kawża li b'xi mod juru li l-Attriċi osservat mqar wieħed minn dawn ir-regolamenti. Inverżament, jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet mogħtija minnha stess fuq ċitati li l-Attriċi lanqas biss kienet konxja li kienet qiegħda fil-fatt taqsam it-triq. Għalhekk il-Qorti għandha kull raġuni għalfejn tikkonkludi, li fil-mument tal-inċident ma kienitx f'posizzjoni li tieħu dawk il-miżuri bħala *pedestrian* biex iżżomm mal-prinċipji regolamentarji ta' *proper look out* waqt li qed taqsam it-triq. Il-Qorti tosserva ukoll li waqt il-kawża, li sa fejn jirrigwarda r-rimarki li għamlu l-infermiera fil-mument li daħlet l-isptar, l-Attriċi ma qalet xejn. L-anqas fl-affidavit tagħha ma tgħid li kienet fis-sakra. Setgħet kieku riedet tressaq bħala xhieda l-infermiera li ħadu n-noti fuq imsemmija biex tikkonfuta dak li tniżżel minnhom, iżda dan ma għamlitux.

**39.** Kif ġia senjalat aktar 'l fuq, l-impatt seħħ biss "*a couple of steps away from the stand, one or two steps*" (xhieda Lee Gray a' fol 296), jiġifieri kif appena l-Attriċi bdiet taqsam it-triq. Dan jindika li l-Attriċi ma ħarsitx sewwa qabel ma qasmet it-triq, hekk kif jitolbu minnha r-regolamenti msemmija, altrimenti kienet żgur tilmaħ il-vettura ġejja u ma kienetx tazzarda taqsam. Minflok ma ħarset qabel qasmet, l-Attriċi qabdet u bla ħsieb ta' xejn, evidentement kawża tal-livell għoli ta' xorb, daħlet mal-ewwel *head on* ġolġenb tal-mudguard tan-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-Konvenut.

**40.** Kif ġie ritenut, "*il-pedestrian suppost li jara vettura ġejja għax din ma taqax mis-sema (Peter Magro vs. Emanuel Grima, P.A., 31.10.2012.). Huwa wkoll fattur indikattiv tat-tort ta' pedestrian meta dan ikun għadu kif niżel il-bankina, għax jekk ikun kważi qasam it-triq allura d-driver ikollu possibbiltà kbira li jilħaq jarah. <u>Li persuna tintlaqat viċin tal-bankina</u>* [fil-każ odjern, viċin tal-i*stand* tal-ħot dogs] *<u>minfejn tibda taqsam, huwa indikattiv ta' distanza ravviċinata ħafna għall-karozza li ttajjarha</u> (Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fl-ismijiet Micallef George nomine vs. Camenzuli Gordon, 07.10.1997)*". (**Peter Magro vs Emmanuel Grima**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2012**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

**41.** Dan huwa wkoll in linea ma dak li jgħid l-awtur **Gibb fil-ktieb tiegħu "Collisions on Land" (section 148)**: "*If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may*

*refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaintiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist.*"

**42.** Mill-ġabra ta' provi mressqa hawn ikkunsidrati, joħroġ ċar għalhekk li l-imħarrka xejn ma kienet fil-kontroll ta' dak li kien hemm madwarha u ta' dak li kien qed jiġri minnha, kif fil-fatt iddikjarat mad-dipendenti tal-isptar, bil-konsegwenza li qiegħdet lilha nnifisha f'post fejn mhux suppost kellha tkun. Minn naħa l-oħra l-anqas hemm provi ċari biżżejjed li l-Konvenut sab ruħu f'posizzjoni ta' "*emergenza subitanea imprevedibbli*" minħabba fiha, bil-mod kif imfisser fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Angelo Zammit**, **tal-Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Settembru 2009** (ara wkoll is-sentenza mogħtija minn din il-**Qorti fl-ismijiet Carmelo Sciberras vs Pierguido Saliba tat-13 t'Ottubru 2017** u s-sentenzi hemm ċitati).

**43.** Din il-Qorti tgħid li n-negliġenza kontributorja tal-Attriċi ma humiex għad-danni iżda għall-inċident fih innifsu li finalment xorta ser tirrifletti fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni. Altru aġir li jikkontribwixxi għad-danni (per eżempju meta passiġġier ma jilbisx is-*seat belt)* u altru meta l-vittma tkun parteċipi fil-mekkanika ta' kif ikun seħħ l-inċident.

**44.** F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

*"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara****, il-qorti, fil-likwidazzjoni*

*tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni"* (Emfażi tal-Qorti).

**45.** Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' **tikkontribwixxi** għall-ħsara jew **tagħti okkażjoni** għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).

**46.** Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attriċi f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident. Dik tal-aħħar qatt ma tista' tingħad li kienet b'xi mod kwalunkwe l-kawża prossima tas-sinistru fih innifsu. B'estensjoni mal-analoġija tas-seat belt, kieku l-vittma ma kienitx liebsa dan l-aġġeġġ preventiv u ma seħħx l-inċident ma kienet issofri

ebda ħsara. L-aktar l-aktar tista' tirrendi lilha innifisha ħatja ta' kontravenzjoni.

**47.** Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs- Victor Micallef , Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964** ( **Vol XLVIII.i.59**) fejn il-Qorti spjegat hekk:

"*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tyad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr regola prestabbilita' mill-ligi stess li tistabilixxi ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollov f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*."

**48.** F'dan ir-rigward huwa interessanti ukoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases" (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197. Ara ukoll Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

**49.** Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ tħoss li r-responsabbilta għall-inċident mertu tal-kawża hija, kwantu għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-Attriċi u għar-rimanenti ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-konvenut. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-inċident, l-Attriċi għandha twieġeb aktar mill-Konvenut għall-inċident. Għalhekk imiss issa, li jiġu ikkalkolati d-danni sofferti mill-Attriċi tenut kont dak li intqal hawn fuq.

<u>Danni</u>

*Damnum emergens*

**50.** Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawn ix-xorta ta' danni, din il-Qorti taqbel ma' dak li intqal fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Attriċi (a' fol 343). Għalhekk qed tillikwida d-danni taħt dan il-kap fl-ammont ta' sebgħa mija tnejn u ħamsin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€752.63).

*Lucrum cessans*

**51.** Jibda biex jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni bħal dak li qed titlob l-Attriċi fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażiku huwa dak li din titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel l-inċident. Fi ftit kliem, huwa applikabbli l-prinċipju tar-*restitutio ad integrum*. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**). Artikolu 1045 (1) jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħadd ieħor.

**52.** Dwar id-*damnum emergens*, u ċioe' sa fejn jirrigwarda telf attwali fil-każ odjern, ma tantx hemm fhiex wieħed jitfixkel. F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim Awla per Imħallef J R. Micallef** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi sejra tkun affettwata 'il quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha"

kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident bħal ma fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**53.** Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attriċi bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**54.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other

comparable cases" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**55.** Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq.

**56.** Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti osservat li hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967**. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed

in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji.

**57.** Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** osservat li f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.

**58.** Għalhekk irid ikun ikkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-"lump sum payment". Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali [ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**].

**59.** Fil-kawża tal-**Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti** ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża għaliex jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-"lump sum deduction" – (ara **Sentenza PA, fl-ismijiet Agius vs Fenech 29 ta'**

**Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18%.

**60.** Dan huwa l-każ tal-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti stante li r-rikors ġuramentat ġie presentat fil-5 ta' Frar 2018. B'dana kollu din il-Qorti tħoss li l-"lump sum payment" ai fini ta' kalkolu ta' danni dan il-prinċipju mhux ser ikun applikat, fid-dawl tal-entita' pjuttost żgħira tal-perċentwal ta' diżabilita' permanenti u anke tal-apporzjonament ta' responsabbilta' kif fuq spjegat. Apparti dan ma jidhirx li id-danneġġjat ikkontribwixxa għal kemm damu dawn il-proċeduri.

**61.** Tajjeb li jiġi rilevat, li l-Qrati tagħna dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat, li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. F'deċiżjoni li tinsab f'Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato".

**62.** Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment

jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja.

**63.** Din il-Qorti temmen, li dan il-prinċipju huwa ukoll applikabbli għall-każ fejn għalkemm ikun hemm provi li jistgħu ikunu matematikament aċċertabbli skont il-formuli ġurisprudenzjali li evolvew maż-żmien, il-Qorti xorta tista' tapplika l-prinċipju ekwitattiv. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl li huwa perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Dan ifisser, li l-perċentwali tal-eżami mediku, mhux bil-fors isib rifless fil-qliegħ futur tal-persuna. Il-Qorti gwidata b'dawn il-prinċipji li evolvew maż-żmien mill-Qrati tagħna ser tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi.

**64.** Jibda biex jingħad li l-Attriċi twieldet fit-8 ta' Marzu 1995 (ara kopja tal-passaport a' fol 25). L-inċident in kwistjoni seħħ fit-2 ta' Mejju 2014, meta allura kien għad kellha 19-il sena. Il-Qorti stabbilit li l-eta' tal-irtirar l-Ingilterra, fejn hija domiċiljata l-Attriċi, hija bħal dik maltija u ċioe' ta' 65 sena. Għalhekk il-multiplier li ser ikun adoperat minn din il-Qorti huwa dak ta' 46 sena ħajja lavorativa li għandha quddiemha possibilment l-Attriċi.

**65.** Kif jirriżulta mill-Affidavit tal-Attriċi, fiż-żmien tal-inċident, kienet taħdem part-time waitress f'San Antonio Hotel San Pawl il-Baħar (a' fol 42). Jirrisulta ukoll li hi għamlet żewġ diploma post-sekondarji li bis-saħħa tagħhom riedet tapplika biex tidħol air hostess u saħansitra esebiet

dokumenti f'dan ir-rispett. It-Tabib maħtur minn din il-Qorti jgħid li l-Attriċi qaltlu li meta eżaminaha kienet studenta Manchester University għal degree in 'Youth Work and Community' (a'fol 330). B'dana kollu qatt ma ġabet prova dwar dan sakemm il-Kawża tħalliet għas-Sentenza bħal ma ġabet ebda prova li kienet tipposjedi s-segwenti ċertifikati "2 or more GCSEs grades 9 to 3 (A to D) for a level 2 course". Dawn huma r-rekwiżiti biex persuna tkun ingaġġata bħal Air Hostess kif inhi x-xewqa tal-Attriċi. Pero' l-Qorti ma tistax tinjora li ċ-ċertifikati minnha ottenuti, veru jistgħu jżidulha l-opportunitajiet fil-ħajja futura tagħha li ssib impieg aħjar. Dan il-fattur ser ikun meqjus aktar 'l isfel.

**66.** Huwa minnu li hi kienet taħdem Malta fil-mument tal-inċident iżda stante li hija domiċiljata l-Ingilterra u anke tirresjedi f'dan il-pajjiż, huwa ġust li jittieħed inkonsiderazzjoni l-wage order ingliż bir-rata ta' £8.21 is-siegħa, ekwivalenti għal €10.54. Il-ġimgħa tax-xogħol hija ta' 40 siegħa. Imma l-Qorti tifhem li l-Attriċi għandha dejjem opportunitajiet ta' part-times, overtime u anke li tidħol taħdem fil-jiem pubbliċi. Għalhekk il-ġimgħa ser tkun ikkalkolata fuq 45 siegħa. Dan ifisser li 10.54 x 40 = 421 x 52 (ġimgħat f'sena) = 21,923 x 46 (żmien sal-pensjoni) = 1,008,467.20.

**67.** Il-Qorti hija tal-fehma li ma dan l-ammont għandu jiżdied b'5% għall-opportunitajiet mankati f'ħajjitha minħabba l-inċident. Mir-rapport tat-tabib imqabbad minn din il-Qorti jidher li l-Attriċi mhux ser tkun tista' taħdem kif

trid jew tkompli l-ħajja normali tagħha bħal ma għamlet sa issa. Għalhekk 5% tal-ammont fuq imsemmi jammonta għal €1,058,891.

**68.** L-Attriċi fil-likwidazzjoni tad-danni annettiet tabella tas-salarji kollha li minn issa sa kemm tasal biex toħroġ bil-pensjoni sas-sena 2059 (a' fol 347). Il-Qorti tifhem li trid tieħu kont għar-rata ta' inflazzjoni, iżda ma taqbilx mal-mod kif din ġiet kalkolata mill-Attriċi. Il-Qorti taqbel ma dak li qalet il-**Qorti tal-Appell fis-Sentenza fl-ismijiet Leserlie Caruana -v- Brian Cauchi tat-30 ta' Mejju 2008**:

*"Huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi jgholew u dana bhala rizultat ta' l-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta' dak li jkun. Fuq firxa ta' tlettin sena wiehed jistenna li l-paga tizdied, forsi mhux kemm qed issostni l-attrici, izda ghal menu b'20%."*

**71.** Dan ifisser li €1,058, 891 għandu jiżdied b'20% li jammonta għal €1,270,669. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas 20% rappresentanti lump sum payment li jwassal għal darba oħra għall-ammont ta' €1,058,891. Il-perċentwali ta' diżabilita` stabbilita mit-Tabib espert tal-Qorti u jammonta għal 5% ta' dan l-ammont u cioe' €52,944.55. Dan ifisser li 25% rappresentanti l-perċentwal imputat lill-konvenut bħala responsabbilta' għall-inċident l-ammont likwidabbli bhala lucrum cessans jammonta ghal €13,236.14.

**72.** Ghalhekk l-ammont dovut bhala danni sofferti mill-Attriċi huwa b'kollox €13,236.14 (lucrum cessans) + €188.55 (25% tad-damnum emergens) = €13,424.69.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba Attriċi fis-sens li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-2 ta' Mejju 2014 pero sal-limiti ta' perċentwali attribwiti lilu kwantu responsabilita' kif ingħad.

**Tilqa' t-tieni talba** Attriċi u tillikwida l-ammont ta' danni li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attriċi fl-ammont ta' tlettax-il elf erbgħa mija erbgħa u għoxrin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€13,424.69).

**Tilqa' t-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża kwantu għal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) a' karigu tal-Attriċi u r-rimanenti kwart ($^{1}/_{4}$) għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**